| Servizzi offruti: | Akkommodazzjoni, Għajnuna finanzjarja |
| Deskrizzjoni: | FACES twaqqfet fl-2003 bl-għan li toffi għajnuna umanitarja 'l-aktar nies fil-bżonn f'pajjiżi tat-tielet dinja. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *Amputees4Amputees* |
| L-isem fil-qosor: | A4A |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Amy Zahra |
| Indirizz e-mail: | amputees4amputees@gmail.com |
| Numru tat-Telefon: | 9946 7226 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Diżabbiltá |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti |
| Deskrizzjoni: | Għaqda mwaqqfa minn persuni li għaddew minn amputazzjoni, bl-iskop li toffri l-għajnuna lill-persuni li għaddew jew li ser jgħaddu minn intervent kirurġiku ta' amputazzjoni ta' parti minn ġisimhom. Għanijiet oħrajn jinkludu l-edukazzjoni lill-persuni stess kif ukoll lill-pubbliku ġenerali, u l-advokatura dwar il-bżonnijiet tal-persuni fir-rigward tad-diskriminazzjoni fl-għotja ta' servizzi. |

---

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | Dar Merħba Bik Fondazzjoni - *Home of the Good Shepherd Sisters* |
| L-isem fil-qosor: | MERHBA BIK |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Pamela Cuschieri |
| Indirizz e-mail: | merhbabik@onvol.net |
| Numru tat-Telefon: | 2144 0035 |
| Numru tal-Fax: | 2144 9274 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Etá, Diżabbiltá, Ġeneru, Razza/Oriġini Etnika, Reliġjon/Twemmin, Orjentazzjoni Sesswali |

| | |
|---|---|
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Akkommodazzjoni, Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti |
| Deskrizzjoni: | Akkomodazzjoni għan-nisa li qed jaħarbu mill-vjolenza domestika. It-tfal li qegħdin man-nisa jiġu megħjuna wkoll. |

---

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *Mental Health Association - Malta* |
| L-isem fil-qosor: | MHA-Malta |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Catherine Vassallo, Lisa Vella |
| Internet: | www.mhamalta.com |
| Indirizz e-mail: | assistance@mhamalta.com |
| Numru tat-Telefon: | 7980 0080 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Diżabbiltá |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Konsulenza (mhux legali), Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti, Seminars edukazzjonial |
| Deskrizzjoni: | Twaqqfet b'dawn l-għanijiet: teduka lill-familjari ta' persuni b'mard mentali u lill-pubbliku ġenerali dwar mard mentali sabiex tiġġieled kontra l-injoranza u l-miżinformazzjoni; toffri għajnuna lill-persuni li jgħinu lill familji; taħdem fuq l-istigma assoċjata mal-mard mentali u tiffaċilita l-integrazzjoni fis-soċjetá ta' utenti tas-servizzi; tagħeml advokatura għat-titjieb tas-saħħa u tal-kura soċjali ta' persuni bi problemi ta' mard mentali u tippromovi l-interessi tal-membri tal-familja. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | Ħbieb ta' l-Aġenzija Sapport |
| Natura: | Mhux Governativva, Privata, Għaqda mwaqqfa mil-liġi |
| Kuntatt: | Francis Ripard, Adelina Pisani |
| Internet: | https://secure2.gov.mt/socialpolicy/SocProt/family/fsws/sapport/sapport_overview/hbieb_agenzija_sapport.aspx |
| Indirizz e-mail: | poppy3@onvol.net, marcelp@maltanet.net |
| Numru tat-Telefon: | 2138 3206, 7747 2717 (FR), 2148 8772, 9928 2066 (AP) |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Diżabbiltá |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Akkommodazzjoni |
| Deskrizzjoni: | L-għanjijiet ewlenin tal-għaqda huma li torganizza attivitajiet soċjali, edukattivi, sportivi, kulturali u rekreazzjonali fl-aħjar interessi tal-Aġenzija Sapport, il-klijenti tagħha, il-familji u l-carers; li tiġbor fondi u tikseb għajnuna għall-Aġenzija Sapport; li tibni kuntatt ta' kommunikazzjoni bejn il-familji u l-carers tal-persuni b'diżabbilá fl-Aġenzija u li toħloq ambjent fejn jistgħu jinġiebu proposti u ilmenti. |

---

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *Association For Men's Rights (Malta)* |
| L-isem fil-qosor: | AMR |
| Natura: | Mhux Governativva, Għaqda li tiġbor għaqdiet oħra |
| Kuntatt: | Dr. John Zammit |
| Internet: | www.freewebs.com/mensrightsmalta |

| | |
|---|---|
| Indirizz e-mail: | mensra@maltanet.net |
| Numru tat-Telefon: | 2169 0365, 9945 9714, 7905 6852 |
| Numru tal-Fax: | 2169 0365 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Ġeneru, Reliġjon/Twemmin, Orjentazzjoni Sesswali |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Parir legali, Konsulenza (mhux legali), Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti, Kuntatti mal-midja, Kampanji għal-libertajiet ċivili |
| Deskrizzjoni: | Għaqda li taħdem għall-ugwaljanza vera bejn is-sessi, kemm fir-rigward ta' drittijiet indaqs kif ukoll fir-rigward ta' dmirijiet indaqs. |

---

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | CARITAS Malta |
| L-isem fil-qosor: | |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Mgr. Victor Grech (Direttur) |
| Internet: | www.caritasmalta.org |
| Indirizz e-mail: | info@caritasmalta.org |
| Numru tat-Telefon: | 2590 6600 |
| Numru tal-Fax: | 2124 6374 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Etá, Diżabbiltá, Orjentazzjoni Sesswali |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Konsulenza (mhux legali), Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti, Akkommodazzjoni temporanja għal min jabbuża mid-drogi |
| Deskrizzjoni: | Il-missjoni tal-Caritas hi li tnaqqas il-faqar u li tippromovi l-iżvilupp tal-bniedem u l-ġustiżżja soċjali, b'xiehda lit-twemmin Nisrani u lill-valuri tal-Vanġelu. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *The Foundation for Women Entrepreneurs* |
| L-isem fil-qosor: | FWE |
| Natura: | Privata |
| Kuntatt: | Maryrose Francica |
| Internet: | www.women.org.mt |
| Indirizz e-mail: | maryrose@women.org.mt |
| Numru tat-Telefon: | 2122 4900 |
| Numru tal-Fax: | 2333 1230 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Ġeneru |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Konsulenza (mhux legali), Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti |
| Deskrizzjoni: | Għaqda indipendenti u mingħajr profitt imwaqqfa għall-promozzjoni ta' opportunitajiet, tqajjim tal-kuxjenza, taħriġ u riċerka fil-qasam ta' nisa fin-negozju u ta' kwistjonijiet oħra fir-rigward tal-ġeneru. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *Malta Association of Work and Organizational Psychology* |
| L-isem fil-qosor: | MAWOP |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Dr. Vincent Cassar |
| Internet: | www.mawop.org |
| Indirizz e-mail: | vcassar@mawop.org |
| Numru tat-Telefon: | 9946 9025 |
| Numru tal-Fax: | 2189 6930 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Etá, Diżabbiltá, Ġeneru, Orjentazzjoni Sesswali |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti, Riċerka u diskussjonijiet dwar il-prattika |

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni: | Assoċazzjoni li twaqqfet sabiex tippromovi l-qasam tax-xogħol u l-psikoloġija organizazzjonali, u biex toffri forum ta' diskuzzjoni, disseminazzjoni ta' riċerka, dibattitu u networking professionali u soċjali bejn psikoliġi organizazzjonali u professjonisti oħra interessat f'dan l-qasam. |

---

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *Malta UNESCO Youth Association* |
| L-isem fil-qosor: | MUYA |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Sarah Suda |
| Internet: | www.muya.info |
| Indirizz e-mail: | info@muya.info |
| Numru tat-Telefon: | 9986 7344 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Razza/Oriġini Etnika, Reliġjon/Twemmin |
| Servizzi offruti: | Tqajjim ta' kuxjenza |
| Deskrizzjoni: | L-Assoċazzjoni taħdem fl-iżvilupp tal-kultura, tal-edukazzjoni tax-xjenza u tal-kommunikazzjoni. Ixxerred l-ideat tal-UNESCO fost iż-żgħażagħ u l-adulti f'Malta u b'mod internazzjonali permezz tal-organizazzjoni ta' programmi u proġetti fosthom korsijiet ta' taħriġ, seminars, skambji fuq bażi nazzjonali u internazzjonali u wkoll permezz tal-publikazzjoni ta' bosta kotba. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | Istitut Kattoliku |
| Natura: | Taqsima Privata tad-Djoċeżi |
| Kuntatt: | Rev. John Galea (Direttur) |
| Internet: | www.istitutkattoliku.com |
| Indirizz e-mail: | catholicinstitute@maltadioce.org |
| Numru tat-Telefon: | 2124 2502/2122 1790 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Diżabbiltá, Reliġjon/Twemmin |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Konsulenza (mhux legali) |
| Deskrizzjoni: | L-Istitut Kattoliku huwa ċ-ċentru kultural tal-Arċidjoċeżi, bl-għan ewlieni li trawwem il-kultura u l-edukazzjoni nisranija f'Malta. L-attivitajiet tagħha jinkludu produzzjonijiet tejatrali, kunċerti, korsijiet, seminars, lezzjonijiet, konsulenza, u eżibizzjonijiet. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *Maltese Association of Psychiatric Nurses* |
| L-isem fil-qosor: | M.A.P.N. |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Kevin Gafa' |
| Internet: | www.map-n.net |
| Indirizz e-mail: | mapsychnurses@gmail.com |
| Numru tat-Telefon: | 9982 5731 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Diżabbiltá |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Konsulenza (mhux legali), Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti |
| Deskrizzjoni: | Fost l-oħrajn, għandha l-għan li tippromovi u tiffaċilita fil-gżejjer Maltin l-informazzjoni dwar in-nursing psikjatriku, dwar in-nursin psikjatriku fil-kuntest ta' saħħa mentali u dwar is-saħħa mentali. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *Daniel Delicata Memorial Association* |
| L-isem fil-qosor: | DDMA |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Maria Delicata |
| Internet: | www.danieldelicata.org |
| Indirizz e-mail: | daniels@maltanet.net |
| Numru tat-Telefon: | 2157 9145, 7940 8346, 7949 6960 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Etá, Diżabbiltá |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti, Kuntatti mal-midja |
| Deskrizzjoni: | L-Assoċazzjoni għandha l-għan ewlieni li ttejjeb il-kwalitá tal-ħajja tat-tfal morda, ispirati mill-esperjenzi ta' tfal żgħar li jridu jqattgħu xi żmien fl-oqsma pedjatriċi fl-isptarijiet pubbliċi ta' Malta. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *Malta Humanist Association* |
| L-isem fil-qosor: | MHA |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Godfrey Vella, Raphael Vassallo, Philip Manduca |
| Internet: | www.maltahumanist.org |
| Indirizz e-mail: | maltahumanist@gmail.com |
| Numru tat-Telefon: | 7942 9474 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Ġeneru, Razza/Oriġini Etnika, Reliġjon/Twemmin, Orjentazzjoni Sesswali |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Parir legali, Konsulenza (mhux legali), Kuntatti mal-midja |

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni: | Għaqda għall-umanisit f'Malta li tippromovi l-edukazzjoni, ix-xjenza, ir-raġuni u r-razzjonalitá, u li topponi s-superstizzjoni u d-dogma. Taħdem għal nazzjon aktar sekulari fejn il-knisja u l-istat huma separati. |

---

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | *aditus foundation* |
| L-isem fil-qosor: | aditus |
| Natura: | Mhux Governativva |
| Kuntatt: | Dr. Neil Falzon |
| Internet: | www.aditus.org.mt |
| Indirizz e-mail: | info@aditus.org.mt |
| Numru tat-Telefon: | 9989 2191 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Etá, Diżabbiltá, Ġeneru, Razza/ Oriġini Etnika, Reliġjon/Twemmin, Orjentazzjoni Sesswali |
| Servizzi offruti: | Tagħrif ġenerali, Parir legali, Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti, Kuntatti mal-midja, Advokatura |
| Deskrizzjoni: | Il-fondazzjoni hija indipendenti, volontarja u mingħajr profitt, u mwaqqfa sabiex tagħmel munituraġġ, tieħu azzjoni u tirrapporta dwar l-aċċess għal dirttijiet fondamentali tal-bniedem minn persuni u minn gruppi. L-għaqda temmen fl-universalitá, l-interdipendenza u l-indiviżibbiltá ta' kull dritt tal-bniedem u taħdem biex tippromovi ftehim u applikazzjoni ibbażata fuq id-drittijiet. |

| | |
|---|---|
| Isem sħiħ tal-għaqda jew aġenzija: | Id-Dipartiment dwar ir-Relazzjoni Industrijali u tal-Impjieg (Tribunal Industrijali) |
| Fil-qosor: | DIER |
| Natura: | Entitá mwaqqfa mil-liġi |
| Kuntatt: | Mr. Alistair-Paul Borg (Assistent Direttur) |
| Internet: | www.industrialrelations.gov.mt/industryportal/default.aspx |
| Indirizz e-mail: | Alistair-paul.borg@gov.mt, ind.emp.relations@gov.mt |
| Numru tat-telefon: | 2123 8907, 2397 5117 |
| Numru tal-fax: | 2124 3177 |
| Qasam ta' diskriminazzjoni: | Etá, Diżabbiltá, Ġeneru, Razza/Oriġini Etnika, Reliġjon/Twemmin, Orjentazzjoni Sesswali |
| Servizzi offruti: | Entitá Aġudikanti |
| Deskrizzjoni: | It-Tribunal Industrijali huwa tribunal ġuridiku magħmul minn Chairman u żewġ membri oħra, wieħed li jirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema u l-ieħor l-interessi ta' min iħaddem. |

# Mistoqsijiet ta' Spiss





## M. X'inhi diskriminazzjoni?

T. Id-diskriminazzjoni sseħħ meta persuni fl-istess pożizzjoni jiġu ttrattati b'mod differenti, jew meta persuni f'sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati bl-istess mod. Mhux kull tip ta' trattament hu kontra l-liġi. Wieħed ikollu jara il-kuntest fejn sar it-trattament u anke r-raġuniijiet għalih.

## M. X'tipprojbixxji l-liġi fir-riwgard ta' trattament, u x'tippermetti l-liġi f'dan il-qasam?

T. Il-liġi tiprojbixxi trattament diskriminatorju li jsir minħabba l-etá, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabbiltá, ir-razza jew oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin tal-persuna qed tiġi ttrattata b'dan il-mod. Jekk it-trattament huwa bbażat fuq wieħed jew aktar minn dawn il-kriteriji, aktarx huwa kontra l-liġi. Huwa importanti li wieħed jara jekk dan it-trattament hu l-istess għal dawk il-persuni li qegħdin fl-istess sitwazzjoni għajr il-kriterju msemmi.

## M. Minn xiex tħarisni l-liġi?

T. Il-liġijiet Maltin ta' kontra d-disrkiminazzjoni jħarsuk f'ħafna oqsma tal-ħajja ta' kuljum, partikolarment ix-xogħol li għandek issa jew li jista' jkollok, aġenziji li jistgħu jipprovdu xi servizzi jew affarjiet, għajnuna soċjali u edukazzjoni. Inti mħares minn kull entitá, f'dawn l-oqsma, kemm jekk hi governattiva kif ukoll privata.

## M. Jekk inħossni ddiskriminat, x'nitsa' nagħmel?

T. Tajjeb li wieħed jipprova jsolvi s-sitwazzjoni b'mod amikevoli, kemm jekk din tinvolvi min iħaddmek, dipartiment tal-gvern, sid ta' proprjetá jew ħanut. Jekk dan ma jirnexxix, hemm numru ta'



entitajiet imwaqqfa speċifikament biex jilqgħu l-ilmenti tan-nies dwar id-diskriminazzjoni, jarawhom u jippruvaw isolvuhom.

Dawn huma: il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE), li primarjament taħdem fil-qasam tad-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru jew razza tal-persuna; l-Uffiċju tal-Ombudsman li jista' jara każijiet li jinvolvu diskriminazzjoni pperpetwata mill-gvern (inklużi dipartimenti u aġenżiji tal-gvern, eċċ.); l-Ombudsman tal-Universitá li jinvestiga problemi li jinħolqu l-Universitá, il-Kulleġġ Malta għall-Arti, Xjenza ut-Teknoloġija (MCAST) u l-Istitut Malti għat-Turizmu (ITS); it-Tribunal Industrijali li jinvestiga tilwim dwar problemi li jinqalgħu fuq il-post tax-xogħol; u l-Kummissjoni Nazzjonali persuni b'Diżabbiltá (KNPD) li hija responsabbli għad-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltá, inkluża dik mentali.

Wieħed għandu jsemmi wkoll li l-Qrati tal-Ġustizzja huma aċċessibbli wkoll għal persuni li jħossu li saret diskriminazzjoni kontrihom b'mod illegali. Fl-aħħar hemm ukoll il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li toffri miżura aħħarija fil-każ li ma ssibx rimedju lokalment. Il-Ġnus Maqgħuda wkoll għandhom numru ta' mekkaniżmi li għandek id-dritt tużahom, imma dawn ukoll huma miżuri aħħara..

## M. Ma' min għandi nippreżenta l-każ tiegħi?

T. Biex tidentifika l-aħjar proċedura biex tippreżenta l-każ tiegħek huwa importanti li tqis dawn iż-żewġ punti ċentrali: fejn saret id-diskriminazzjoni (fuq ix-xogħol, ġo ħanut, meta kont qed tipprova tikri apartament, f'applikazzjoni għall-għajnuna soċjali, eċċ.), u għalfejn taħseb li saret (minħabba l-kulur tal-ġilda tiegħek, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, eċċ.). L-entitajiet imsemmija fuq jistgħu



jgħinuk tidentifika l-aħjar proċedura għall-każ tiegħek, għax din l-għażla mhux dejjem tkun ovvja jew ċara. Organizazzjonijiet u individwi li jaħdmu f'dan il-qasam jistgħu jgħinuk ukoll.

## M. Dawn il-proċeduri jiswew ħafna flus?

T. L-entitajiet imsemmija fuq ma jżommux miżata għall-applikazzjonijiet li jirċievu, jiġifieri l-proċeduri huma b'xejn. Iżda jekk tkun tixtieq xi parir jew għajnuna minn avukat, ikollox tikkunsidra l-ispiża li din taf tinvolvi.

## M. Dawn il-proċeduri huma kunfidenzjali, jew naf inbagħti xi konsegwenxi personali?

T. Ħlief għat-Tribunal Industrijali u l-Qrati Maltin, kull proċedura hija kunfidenzjali għal partijiet mhux involuti fil-kaz. Iżda l-entitá/dipartiment/min iħaddem li kontrih jew kontriha qed tilmenta aktarx jirċievi jew tirċivi d-dettalji tiegħek. Huwa importanti li wieħed isemmi l-fatt illi għalkemm il-liġi Maltija tipprojbixxi li persona li tkun għamlet ilment dwar diskriminazzjoni tiġi vvittimiżżata, l-ebda entitá tista' tiggarantixxi s-sigurtá tiegħek.

## M. Kemm iddum il-pruċedura fil-każ tiegħi?

T. Kull entitá tipprova isolvi kull kwistjoni malajr kemm jista' jkun u fil-fatt il-maġġoranza tal-każijiet jiġi konklużi f'temp ta' ftit ġimgħat. Madankollu, dan jiddependi wkoll mil-livell ta' kooperazzjoni tiegħek u ta' l-organizazzjoni li qed tilmenta kontriha.

## M. Tfajt l-ilment, issa x'jiġri?

T. Dan jiddependi minn liema entitá iddeċidejt li tuża' għall-każ tiegħek. Iżda kull entitá x'aktarx tibda investigazzjoni biex l-ewwel



nett tara jekk il-każ tiegħek jilħaq il-kriterji bażiċi ta' ammissibbiltá. Fil-maġġoranza tal-każijiet, l-entitá tipprova ssolvi l-kwistjoni b'mod amikevoli, u taġixxi bħala medjatur bejnek u bejn l-aġenzija li qed tilmenta kontriha.  Jekk dan ma jaħdimx, hemm varji għażliet, skond il-proċedura li għażilt.

NCPE u KNPD jistgħu jagħżlu li jressqu każ il-qorti f'ismek, jekk il-konklużjonijiet u r-rakkommandazzjonijiet tagħhom jiġi injorati darba wara l-oħra.  Jistgħu wkoll jirreferu l-kwisjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija jekk it-trattament jikkostitwixxi reat.  Importanti li jingħad illi inti tiġi dejjem ikkonsultat qabel mi jittieħdu xi passi bħal dawn, u tista' dejjem tirrifjuta li tkompli l-proċedura jekk trid tagħmel hekk.

L-Ombudsman jista' jirreferi l-kwistjoni lil xi livell ogħla fl-amministrazzjoni pubblika, bħal lil xi Direttur jew Ministru. Jekk it-Tribunal Industrijali jikkonkludi li t-trattament kien fil-fatt diskriminatorju, jista' jordna li jitħallas kumpens rimedjali (finanzjarju).

Il-proċeduri fil-qrati jistgħu wkoll iwasslu għall-ħlas ta' dan it-tip ta' kumpens jekk il-Qorti ssib li t-trattament li kontrih qed tilmenta kien fil-fatt imur kontra l-liġi.

## M. Minix ċert jekk xi ħadd iddisrkimina kontrija jew le, kif nista' nkun ċert dwar dan?

T. Ipprova ara jekk persuna fl-istess sitwazzjoni tiegħek, għajr ir-raġuni għad-diskriminazzjoni (etá, diżabbiltá, orjentazzjoni sesswali, ġeneru, razza/oriġini etnika, reliġjon/twemmin), ġiet ittrattata bl-istess mod li ġejt ittrattat int jew jekk ingħataw trattament aħjar.  Jekk it-trattament kien differenti u jidher li din d-differenza tista' aktarx tiġi assoċjata ma' wieħed jew aktar minn dawn il-kriterji, huwa possibbli li int



soffrejt minn diskriminazzjoni. Tiddejaqx tikkuntattja l-entitajiet imsemmija fuq jekk mintix ċert.

**M.** **Qaluli li minħabba n-natura tax-xogħol, dan ma setax jingħata lili għax hemm bżonn bilfors ta' raġel/mara. Tajjeb li jsir hekk?**

T. Dan huwa permissibbli biss jekk dawn il-kriterji (etá, ġeneru, eċċ.) huwa srettament meħtieġa min-natura tax-xogħol innifisha u jekk l-analizi li saret biex instabet din il-konklużjoni kinitx waħda oġġettiva u raġjonevoli. Dan ifisser illi ġeneralizazzjonijiet mhumiex permessi, bħall-konklużjoni ġenerali li n-nisa ma jistgħux jagħmlu xogħol li jinvolvi riskji lis-sigurtá tagħhom.

**M.** **Kumpannija tista' teħtieġ ġeneru partikolari f'avviż ta' xogħol, jew sid ta' proprjetá jista' jgħid li ma jaċċettax applikazzjonijiet minn nies ta' nazzjonalitá speċifika?**

T. Le. Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni tinkludi wkoll dawk l-istadji ta' qabel wieħed jiġi impjegat, bħal per eżempju avviżi ta' xogħħol, proċeduri ta' monituraġġ ta' l-applikazzjonijiet, intervisti, taħriġ, eċċ. Wieħed jista' jgħid l-istess ħaġa għall-kiri jew għal kull tip ieħor ta' avviż, għax kull diskriminazzjoni li ssir minħabba kull wieħed mill-kriterji msemmija hija pprojbita fil-kuntest ta' fejn qed tirċievi servizz. Dan jinkludi ħwienet, kiri ta' postijiet, kumpanniji ta' l-assigurazzjoni, eċċ.

**M.** **Nibża' noħroġ tqila għax nibża' li nitlef ix-xogħol, jew forsi ma nieħux xi promozzjoni/lx-xogħol naħbi l-fatt li jien omoseswali/lesbjana għax nibża' minn xi kummenti jew forsi li jgħiduli biex nitlaq.**



T. Min iħaddmek ma jkunx ġustifikat jekk jitolbok biex titlaq, jew jekk titlef xi promozzjoni jew bonus minħabba tqala, orjentazzjoni sesswali jew xi element ieħor assoċjat mal-kriterji msemmija (etá, diżabbiltá, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza/oriġini etnika, eliġjon/twemmin).

## M. It-tifel tiegħi qiegħed fuq siġġu bir-roti, u għalhekk għandi għażla limitata ħafna dwar liema sola jista' jattendi. Hekk sew?

T. Le, dan mhux sew għax il-liġijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni fir-rigward ta' persuni b'diżabbiltá jinkludu l-obbligu li l-aċċess adegwat jiġi assigurat f'postijiet li huma pubbliċi jew li huma aċċessibbli lill-pubbliku. Dan jinkludi bini tal-gvern, banek, ġonna pubbliċi u skejjel.

## M. Il-kollegi tiegħi jħobbu jiċċajtaw dwar minoritajiet etniċi, imma jien niddejjaq. Hemm xi ħaġa li nista' nagħmel dwar din is-sitwazzjoni?

T. Il-liġijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni jipprojbixxu wkoll dak li jissejjaħ fastidju razzjali, jiġifieri għemil jew kliem dwar l-oriġni razzjali jew etnika ta' persuna jew ta' grupp ta' persuni, li tivvjola d-dinjitá ta' dawk il-persuni u li jinkoraġġixxi ambjent umiljanti. Jekk tħoss li dan iċ-ċajt jista' jaqa' f'din id-definizzjoni, għandek titkellem dwaru lil min iħaddmek jew tista' tikkunsidra tagħmel ilment.

## M. Minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni?

T. Kull organzazzjoni elenkata f'dan il-Ktejjeb lest li jgħinek fil-każ li jkollok bżonn ta' aktar tagħrif. Kull talba għall-informazzjoni tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.



## M. Smajt li l-fastidju jitqies ukoll bħala diskriminazzjoni, imma ma nafx eżattament xi jfisser.

T. Iva, imġieba li jagħti fastidju tista' tkun diskriminatorja u hi pprojbita mil-liġi tal-Unjoni Ewropea u ta' Malta. B'fastidju ġeneralment nifhmu dik l-imġieba, anki verbali bħal kummenti jew talbiet, li intenzjonalment jew anke mhux intenzjonalment tivvjola d-dinjitá tal-persuna billi toħloq ambjent li jintimida jew li huwa ostili, degradanti jew offensiv. Biex din l-imġieba tikkwalifika bħala diskriminazzjoni trid tkun għar-raġunijiet imħarsa (etá, disabbiltá, razza/oriġni etnika, reliġjon/twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali).

Per eżempju, il-fatt li xi kollegi regolarment jiċċajtaw dwar persuni omosesswali b'mod li jista' joffendi jew jiddegrada xi persuna fl-istess ambjent tax-xogħol jista' jammonta għal diskriminazzjoni fir-rigward tal-orjentazzjoni sesswali. Fastidju razzjali jista' jseħħ jekk sid ta' ħanut jgħaddi kummenti offensivi fir-rigward ta' reliġjon partikolari, b'offiża lil xi klijenti fil-ħanut. L-istess jgħodd għar-raġunijiet l-oħra ta' diskriminazzjoni.

# Indiċi


| | Paġna |
|---|---|
| Advokatura | 35 |
| Akkommodazzjoni | 9, 21, 26, 27, 29, 30 |
| Attivitajiet edukazzjonali | 25 |
| Diżabbiltá | 8, 10, 11, 13, 17, 20, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 33, 34, 35, 36 |
| Edukazzjoni | 15, 21 |
| Entitá Aġudikanti | 36 |
| Etá | 8, 9, 10, 11, 13, 18, 20, 21, 22, 27, 30, 31, 34, 35, 36 |
| Ġeneru | 8, 10, 11, 12, 13, 14, 18, 19, 20, 21, 22, 27, 29, 31, 34, 35, 36 |
| Għajnuna | 17, 20, 21, 23, 26 |
| Għajnuna finanzjarja | 17, 20, 21, 26 |
| Għodda lingwistiċi u soċjali | 20 |
| Għoti ta' setgħa | 19 |
| Integrazzjoni | 15 |
| Kampanji | 29 |
| Konsulenza (mhux legali) | 8, 11, 13, 14, 15, 16, 18, 20, 21, 22, 23, 24, 26, 28, 29, 30, 31, 33, 34 |

| | Paġna |
|---|---|
| Kuntatti mal-midja | 11, 13, 14, 17, 18, 21, 25, 27, 29, 34, 35 |
| Laqgħat soċjali | 25 |
| Librerija | 19 |
| Materjali għat-tqajjim ta' kuxjenza | 19 |
| Orjentazzjoni Sesswali | 8, 9, 10, 13, 14, 20, 21, 22, 27, 29, 30, 31, 34, 35, 36 |
| Parir legali | 8, 13, 14, 17, 20, 22, 24, 29, 34, 35 |
| Razza/Oriġini Etnika | 8, 9, 10, 12, 13, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 24, 26, 27, 32, 34, 35, 36 |
| Reliġjon/Twemmin | 8, 9, 10, 13, 14, 15, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 27, 29, 32, 33, 34, 35, 36 |
| Riċerka | 19, 31 |
| Riferiment lill-awtoritajiet kompetenti | 8, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 24, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 33, 34, 35 |
| Seminars | 28 |
| Support | 22 |
| Tagħrif ġenerali | 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 17, 18, 19, 21, 22, 24, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 33, 34, 35 |
| Taħriġ | 13, 19, 21, 23, 24 |
| Terapija tad-diskors | 25 |

| | Paġna |
|---|---|
| Tqajjim ta' kuxjenza | 12, 17, 32 |
| Traduzzjoni/interpretazzjoni | 9, 13, 15, 16, 18, 20, 24 |
| Xogħol | 19, 23, 24 |
| Xogħol fuq politika | 19 |